# Antifona *Beate Juliane*
# (attribwita lil Mro. Angelo Pullicino)
L-ewwel parti




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Din hija r-raba' antifona f'ġieħ San Ġiljan li jien qed nikteb dwarha fl-annwal ta' dis-sena, u li jien qed nattribwixxieha lil Mro. Angelo Pullicino għal diversi raġunijiet kif ser nispjega aktar 'il quddiem. It-tliet antifoni l-oħra li s'issa tkellimt fid-dettal dwarhom kienu, it-tnejn ta' Dr. Paolo Nani, li huma: Antifona *Beate Juliane* tal-1847 (*Lapsi 2012* pġ. 34-50), u dik tal-1893 (*Lapsi 2013* pġ. 24-39 għall-ewwel parti u *Lapsi 2014* pġ. 34-44 għat-tieni parti), u l-oħra ta' Mro. Alberto Vella (*Lapsi 2*015 pġ. 58-68 għall-ewwel parti u *Lapsi 2016* pġ. 80-93 għat-tieni parti).

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan), Antifona, Tantum Ergo, Anġlu Pullicino (surmast), Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta Junior College, Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan).


Mro. Pullicino bl-uniformi l-bajda 1931 fi żmien li kiteb l-antifona

Bħala kompożitur, Mro. Angelo Pullicino ftit li xejn kiteb mużika sagra. Tneħħi xi innijiet popolari ddedikati lill-Madonna u xi qaddisin bħal mhuma San Ġiljan u Sant' Antnin (għal San Ġiljan), San Bert (għal Għargħur), San Girgor (għal Tas-Sliema), San Duminku (għal Belt Valletta), u San Koronatu (għan-Nadur), kulma għandna tiegħu hi biss din l-Antifona *Beate Juliane*, tliet *Tantum Ergi*, u bidu ta' dak li kellu jkun l-*Innu Solenni lil San Ġiljan*. Is-Surmast Angelo Pullicino jibqa' magħruf l-aktar għall-ħafna marċi brijużi sbieħ illi kiteb. Xogħlijiet oħra minn tiegħu jinkludu fost oħrajn, marċi sinfoniċi, oħrajn forma ta' innu, u xi tnejn oħra funebri.

Biex nifhmu aħjar kif setgħet twieldet dil-Antifona ta' Mro. Angelo Pullicino rridu nieħdu ċ-ċirkustanzi li wassluh għaliha fil-persepettiva tagħhom. Ibda biex, Anġlu, kif kien komunement magħruf aħjar dak iż-żmien mal-Ġiljaniżi, kien għadu kif ġie appuntat biex jifforma banda ġdida meta missieru ddeċieda li jiġi bil-familja tiegħu joqgħod San Ġiljan għal ħabta tal-1926. B'hekk, Anġlu beda jiffranka milli joqgħod ġej u sejjer kull darba bil-mixi minn Birkirkara biex jagħti l-lezzjonijiet tal-banda. Il-familja Pullicino kienet sabet tikri dar fl-istess triq fejn kien hemm il-knisja ta' Lapsi li, sa dak iż-żmien kienet għadha dik parrokkjali. Ma setax jonqos għalhekk li, Anġlu jibda jiffrekwenta l-quddies u funzjonijiet oħra reliġjużi li kienu isiru f'din il-knisja ġara tiegħu.[1] Meta daħlu fid-dar il-ġdida, missier Anġlu qattagħha li jixtrilu pjanu biex fuqu seta' jkompli javvanza fl-istudji tiegħu tal-pjanu u l-armonija li kien qed jieħu mingħand is-surmastrijiet Abdilla u Costa rispettivament.

[1] Mhux ta' b'xejn ukoll li, il-familja Pullicino kienu magħrufin mal-Karkariżi bħala 'Tat-Twajjeb' – il-ġenituri, kif kien id-dover u l-konvinzjoni tagħhom li jagħmlu, f'dawk iż-żmenijiet forsi aktar mil-lum, rabbew lill-uliedhom fl-għożża u l-biża' tal-Mulej.



Minn perspettiva differenti, f'artiklu[2] li ċertu Spiru Tanti[3] kien kiteb fuq is-Surmast Angelo Pullicino, insiru nagħfu li sena minnhom – għalkemm ma jiftakarx liema sena kienet - ma kienx hemm organista fil-knisja (ta' Lapsi) u Dun Pawl (Galea)[4] kien ħajjar lis-surmast Pullicino biex jaħseb għall-mużika hu. Jidher li Anġlu kien aċċetta dil-istedina u Dun Pawl beda jgħallmu l-quddies u diversi kant li kien isir dak iż-żmien. Dan wassal biex għall-festa ta' San Ġiljan tax-Xitwa[5], Anġlu kien organizza orkestra żgħira u saret festa solenni kif jixraq u rnexxiet. Setgħet kienet allura dil-okkażjoni li wasslet lil Anġlu biex jikteb l-Antifona tiegħu. Dit-teorija tista' tkun imsaħħa wkoll minn dak li kien irrakkontali Luċjan, ħu Anġlu, f'żewġ intervisti separati li kont għamiltu fis-sajf tal-2002, meta qalli dawn il-preċiżi kelmiet: 'Meta kien hemm il-Kappillan Bonanno[6], Anġlu kien iġib orkestrina biex iddoqq l-antifona ta' San Ġiljan fil-knisja ta' Lapsi. (Ma kienx qalli liema waħda mill-antifoni kienet tindaqq, jekk kenitx ta' ħuh Anglu stess, ta' Nani, Vella jew xiħadd ieħor.) Dil-orkestrina kienet tkun magħmula minn flawt, klarinett, kornu, trumbun, vjolin, u vjolinċell.' Dawn huma tista' tgħid l-istess strumenti li nsibu wkoll fl-Antifona ta' Mro. Angelo Pullicino. Fir-ritratt t'hawn fuq tidher il-Banda tad-*Domus* imwaqqfa fl-1926. Fih jidher is-surmast Angelo Pullicino, qed bilqiegħda fin-nofs ħdejn Dun Pawl Galea, u Spiru Tanti bl-ewfonju f'idu fil-filliera ta' wara nett, it-tieni wieħed mix-xellug.



Firma ta' Spiru Tanti fuq waħda mill-partitura għall-banda

Fl-intervista l-oħra li kienet saritlu l-Ħamis 29 ta' Awwissu tal-istess sena, Luċjan kien qalli hekk: 'Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Anġlu kellu mas-sitt jew tmien mużiċisti f'idejh, fosthom kurunetta u trumbun, li kienu jiġu mistednin biex idoqqu fil-karnivalijiet f'diversi teatri, bħal ngħidu aħna l-*Alhambra* fejn kienu jiġu organizzati l-balli tal-karnival.' Ma tridx wisq għalhekk biex tinduna li, hawn qedin nitkellmu fuq bejn wieħed u ieħor l-istess orkestrina li soltu Anġlu kien iqabbad meta jkolli xi servizz, kemm fil-knisja kif ukoll barra minnha. Ta' min iżid jgħid ukoll, li għalkemm Luċjan kien ħafna iżgħar minn ħuh Anġlu, hu, flimkien ma' Spiru Tanti, kienu ikantaw fil-kor tal-knisja.

Il-Knisja ta' Lapsi: Xieraq hawnhekk nagħti xi tagħrif mhux fit-tul dwar il-knisja ta' Lapsi. Dil-knisja li tinsab f'nofs telgħa wieqfa kienet twaqqfet c. 1588 u reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1682. Wara erba' snin li ħadet it-titlu ta' viċi-parroċċa fl-1848, il-knisja reġgħet tkabbret minħabba li l-poplu Ġiljaniż beda jikber b'rata mgħaġġla. Dan ġara minħabba li, in-nies bdiet tiffrekwenta lil das-

---

[2] L-artiklu fuq is-surmast Angelo Pullicino kien deher f'paġna 23 tal-Programm tal-Festa, djarju ta-Ċentinarju, u Annwal tal-Parroċċa tal-1991, fl-okkażjoni tal-100 sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' San Ġiljan.

[3] Spiru Tanti (1910-1992) kien wieħed mill-ewlenin li ffurmaw il-Banda tad-*Domus*. Kien iħobb ħafna l-mużika u kellu wkoll vuċi sabiħa. Ħafna mit-tagħrif nafuh lilu għax kien iħobb jirrakkonta u jikteb fuq San Ġiljan. Kien ukoll dilettant kbir tal-festa.

[4] Dun Pawl Galea (1899-1970) twieled in-Nadur, Għawdex minn Ġanni Galea u Maria, imwielda Meilak. Ġie ordnat saċerdot fl-1923, fl-Algiers. Malli ġie lura Malta sar kappillan tas-Sorijiet tal-*Blue Sisters* u dam magħhom għal 20 sena sħaħ. Fl-istess żmien ukoll, kien attiv ħafna fil-ħajja parrokkjali ta' San Ġiljan. Kien ukoll kappillan tal-Klarissi. Laħaq kappillan tal-Gżira bejn is-snin 1951 u 1966. Baqa' jgħin fil-parroċċa ta' San Ġiljan sa mewtu.

[5] Il-festa liturġika ta' San Ġiljan tiġi ċċelebrata fix-xitwa proprju fix-xahar ta' Jannar.

[6] Dun Amabile Bonanno (1874-1942) kien ir-raba' kappillan tal-parroċċa ta' San Ġiljan. Hu ħadem ħafna għall-Ġiljaniżi fiż-żewġ Gwerer Dinjija. Fost l-għaqdiet li waqqaf insibu ċ-*Circolo San Giuliano*, fl-1923, u kien ħadem biex il-banda tad-Domus tingħaqad mal-Każin Banda San Ġiljan. Hu kien jemmen li post il-banda mhux fid-*Domus*, post ta' tagħlim nisrani, iżda f'każin soċjali. Il-kappillan Bonanno għadda minn ħafna żmenijiet koroh minħabba it-twemmin politiku tiegħu, speċjalment fl-aħħar tal-20ijiet.

subborg mhux biss bħala villeġġjatura fix-xhur sħan tas-sajf, imma wkoll biex toqgħod hemm is-sena kollha. Saret parroċċa fl-1891 u b'hekk infirdet mill-matriċi ta' Birkirkara. Matul il-medda tas-snin il-knisja kisbet bosta opri rikki fosthom, kwadri ta' preġju bħalma hu dak ta' Raffaele Caruana[7] (1820-1886) li juri lil *Kristu Tiela' s-Sema*[8] (1855), u l-istatwa titulari (1893), xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin (1825-1909). Il-knisja minn barra hija mżejna b'koppla u kampnar wieħed fin-nofs li fih għandu qanpiena. Fuq ġewwa mbagħad, il-knisja għandha ħames artali. Il-knisja ta' Lapsi tissejjaħ il-qadima peress li nbniet oħra akbar u aktar moderna ftit 'l-isfel minnha fl-istess triq li ġġib l-istess isem u għaldaqstant, waqfet tiffunzjona bħala waħda parrokkjali. Fir-ritratti t'hawn taħt jidhru (xellug) il-Knisja l-antika ta' San Ġiljan, magħrufa popolarment 'Ta' Lapsi', u (lemin) l-altar tal-Axxenzjoni bil-kwadru ta' Raffaele Caruana.






Folklor: B'rabta dejjem mal-festa ta' Lapsi - il-festa li tfakkar it-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesù Kristu f'għeluq l-40 jum mill-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet - kienet id-drawwa fl-antik li, nhar il-festa, ħafna nies minn Tas-Sliema, Birkirkara u l-inħawi tiegħu kienet tinżel bi ħġarha lejn San Ġiljan biex tqatta' nofstanhar tiekol u tixrob l-inbid taħt il-loġoġ li kienu nbew fi żmien il-Kavallier Spinola għas-sajjieda quddiem il-palazz tiegħu, waqt li tfal u żgħażagħ kienu jinżlu jieħdu l-ewwel għawma friska fil-bajja ta' ġewwa. Tant kienet popolari id-drawwa li, għadha teżisti għanja speċjali tal-post: *Għal Lapsi Sinjura Lieni*[9] / *Ikla tajba bid-dundjan,* / *Il-kaless qiegħed jistenna* / *Ħalli jieħdok San Ġiljan*. Bosta kienu dawk ukoll, li qabel ix-xalata kienu jinvistaw lil Ġesù




[7] Iben il-pittur Pietro Paolo Caurana (1749-1852) u twieled Ruma. Studja l-arti fl-*Accademia di San Luca* ġewwa Ruma. Kien ritrattista aħjar minn pittur tal-arti sagra u l-personalità tas-suġġett kien joħrogħa tajjeb. L-arti swietlu ħafna diżappunti u fl-aħħar telaq il-pittura u ħadem xogħol ta' disinjatur u perit mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
[8] Dal-kwadru jinsab fis-sagristija tal-knisja ta' Lapsi.
[9] Isem komuni ħafna ġo Birkirkara peress li l-festa hemmhekk hi ta' Sta. Liena.

Sagramentat jew jisimgħu l-quddiesa fil-knisja ta’ Lapsi. Fir-ritratt t’hawn fuq, meħud fl-1881, jidhru l-loġoġ għad-dgħajjes aktarx mibnija minn, jew fi żmien, il-Gran Mastru Gregor Carafa [1680-90]. Dal-arkati kienu mbagħad ingħataw lis-sajjieda bħala rigal fi żmien Fra Raffaele Spinola, prijur tal-Lombardija.

Il-festa ta’ Lapsi kienet iddaħħlet Malta żmien twil ilu mill-Kavallieri tal-Ordni. Huma kienu jiċċelebrawha billi jagħmlu festa kbira fuq il-baħar fil-Port il-Kbir fejn id-dgħajjes kienu jiżżejnu bil-bnadar, u bix-xtut jiżgħedu bin-nies tiekol, tixrob u tiċċaċċra għad-daqq tal-għana u għors ieħor fosthom, qbiż fil-baħar u l-famuż logħob tal-ġostra[10].



Il-bandla wkoll, bħala mezz ta’ sport u divertiment, kienet popolari ferm fost it-tfal fi żmien li qedin insemmu għax bit-tbandil tagħha, dak li jkun iħossu jinqata’ mill-art u jgħola ‘l fuq, u dil-ħaġa kienet b’xi mod tissimbolizza t-tlugħ fis-sema ta’ Kristu. Il-bandli kienu jsiru bil-ħbula marbuta fil-vojt ta’ xi bieb, jew ma’ xi żewġ siġriet bil-friegħi kbar bħal tal-ħarrub fl-għelieqi, jonkella fuq xi tavla poġġuta fuq ġebla biex tiġi bħal ċaqlembuta. Fir-ritratt tal-ġenb nsibu inċiżjoni antika tas-seklu 19 li turi daqs nofs tużżana tfal bniet u subien rekbin fuq tavla twila marbuta bil-ħbula minn trufha u mdendla ma’ zokk oħxon ta’ siġra.

Il-partitura: Il-partitura tal-*Antifona Beate Juliane* attribwita lil Mro. Angelo Pullicino fil-fatt ma teżistix. Fl-arkivju privat tiegħi għandi madankollu żewġ settijiet differenti ta’ partijiet tal-istess mużika li wieħed jista’ faċilment jinseġ partitura minnhom:

Sett nru 1 huwa tista’ tgħid komplut u, tneħħi l-partijiet għall-orgni u l-vuċijiet, jinkludi fih sitt bċejjeċ qosra tal-mużika li kienu jindaqqu waqt il-quddiesa solenni ta’ San Ġiljan, aktarx tax-Xitwa: (1) *Tantum Ergo* nru 1 in Fa Maġġuri*; (2) *Nomine Insignem*; (3) *Antifona Beate Juliane* (Si*b* Maġġuri)*; (4) Innu Popolari San Ġiljan (Fa Maġġuri)*; (5) *Tantum Ergo* nru 2 in Re Maġġuri*; (6) *Tantum Ergo* nru 2 in Do Maġġuri* (l-istess wieħed bħal nru 5 imma ton ‘l isfel.) [Fejn hemm immarkat bl-istilla (*) ifisser li huwa mill-pinna oriġinali ta’ Mro. Angelo Pullicino.]


Partitura tal-Antifona għat-Tenur

Sett nru 2 huwa mfarrad peress li m’hemmx il-partijiet kollha meħtieġa. Das-sett jinkludi ħames biċċiet tal-mużika u ma jinkludix l-Antifona ta’ Pullicino. Jista’ jkun għalhekk li, l-Antifona nkitbet xi żmien wara li s-Surmast kien beda jagħti servizzi fil-knisja ta’ Lapsi. Intant, dan is-sett fih: (1) *Tantum Ergo* in Fa Maġġuri (*) – l-istess bħal dak nru 1 fis-sett l-ieħor; (2) *Nomine Insignem*; (3) Innu Popolari San Ġiljan (Fa Maġġuri)*; (4) *O Salutaris Hostia* (Mi*b* Maġġuri); (5) *Tantum Ergo* in Si*b* Maġġuri (*) – li huwa differenti mit-tnejn l-oħra mhux biss għax it-tonalità hi differenti, imma wkoll, għax it-temp tiegħu huwa wieħed ordinarju ta’ erba’ kwarti kull battuta. [Ix-xogħlijiet li huma mmarkata bi stilla (*) huma oriġinali ta’ Mro. Angelo Pullicino.] F’dawk li huma partijiet imbagħad, għax partitura ma teżistix, għandi biss għal dawn l-istrumenti li ġejjin: Violino I$^{mo.}$, Flauto in Do*b*, Clarino Solo Si*b*, u Cornetta 2$^{da.}$ Si*b*. Wieħed jinnota li l-parti tal-klarinett u dik tal-kurunetta mhumiex trasposti. Jerġa’, il-parti tal-klarinett għandha t-*Tantum Ergo* ta’ nru (5) nieqes. Il-mużika tal-Antifona għal dawn l-istrument, tneħħi dik għall-kurunetta, qegħda madankollu miktuba fuq karta

[10] Logħba li tintlagħab fuq il-baħar u li fiha jieħdu sehem irġiel u ġuvintur, u ġieli anke tfal u xebbiet. Il-logħba tikkonsisti billi jitilgħu jimxu fuq arblu midluk bix-xaħam, biex jippruvaw jaqbdu xi affarijiet, bħal bnadar u hekk, li jkunu mdendlin fit-tarf tiegħu. Ħafna drabi jkun hemm xi premjijiet x’jintrebħu għal min jirnexxilu jasal sat-tarf l-ieħor tal-arblu bla ma jiżloq għal ġol-baħar.

ta’ manuskritt għaliha. Il-parti tal-klarinett in Si*b* tibqa’ bl-istess problema peress li mhix trasposta. Meta wieħed jiġi mbagħad biex jgħaqqad dal-partijiet sfużi mal-bqija ta’ sett nru 2, tidħol il-kwestjoni ta’ fejn trid tidħol dil-Antifona; f’dal-każ, wieħed jista’, jekk irid, jimxi mal-istess ordni li għandna f’sett nru 1.

U dejjem b’rabta ma’ dil-mużika sagra mill-pinna ta’ Mro. Angelo Pullicino, fil-kollezzjoni privata tiegħi nsibu wkoll żewġ partijiet għal vuċijiet għal *Tenore* $I^{mo.}$ u *Tenore* rispettivament. Dal-partijiet jinkludu biss il-mużika għal (2) *Nomine Insignem,* (3) *Antifona Beate Juliane,* u (4) Innu Popolari San Ġiljan. Meta tarahom hekk, taħseb li l-kompożitur qagħad jikteb żewġ partijiet separati bl-istess noti fihom. Huwa minnu li fil-każ tal-ewwel żewġ bċejjeċ dawn għandhom l-istess noti. Imma, meta niġu għall-Antifona wieħed irid joqgħod attent għax, għalkemm jidhru li huma l-istess f’kollox, mhux hekk hu l-każ sa barra. Dan għaliex, kif ser naraw ‘il quddiem, hemm partijiet fiha fejn il-vuċijiet, għalkemm it-tnejn huma Tenuri, iwieġbu ‘l xulxin b’mod antifonali fejn il-waħda twieġeb ‘il oħra skont newbitha bħalma nsibu fl-istil Gregorjan. Dit-teknika nsibuha ħafna fix-xogħlijiet Barokki ta’ Bach u sħabu tal-istess perjodu meta jkun irid joħloq l-effett ta’ diwi. Jekk wieħed jifli sewwa ż-żewġ partijiet isib li passaġġi simili huma mmarkati bin-notini[11] biex juru fejn il-vuċi l-oħra jmissha tkanta.

Jifdal biss nitkellmu fuq il-parti tal-orgni. Din fiha biss l-ewwel tliet bċejjeċ, i.e. (1) *Tantum Ergo* in Fa Maġġuri, (2) *Nomine Insignem,* u (3) *Antifona Beate Juliane*. Fil-parti tal-orgni wkoll, insibu (5) *Tantum Ergo* in Si*b* Maġġuri li qed f’sett nru 2. Il-mużika l-oħra tal-quddiesa jinsabu mxerrdin ‘l hawn u ‘l hinn kif fissirt qabel bħal fil-każ ta’ (5) u (6) Tantum Ergo nru. 2, li kif għedna diġà, l-istess xogħol jeżisti f’ġix tonalitajiet differenti. Fil-każ ta’ (4) Innu Popolari San Ġiljan ma naħsibx li kellu għalfejn joqgħod jerġa’ joħroġ xi kopja oħra tiegħu peress li ġa kellu ħafna minnhom fil-pussess tiegħu. Skont mhu magħruf, Pullicino kellu, minbarra pjanu, orgni d-dar tiegħu u jista’ jagħti l-każ li kien hu stess li kien idoqq l-orgni waqt il-quddiesa. Jista’ jkun ukoll li, kien iqabbad ‘il xiħadd ieħor biex hu ikun jista’ jidderieġi l-orkestrina minflok. Il-parti nkitbet għal orgni ta’ b’żewġ manwali u pedaliera fejn waqtiet, il-kitba mhix daqstant abbli. Jerġa’, ir-ritmu mhux dejjem bilfors jaqbel ma’ dak li nsibu fil-partijiet l-oħra. Dan jagħti x’wieħed jifhem li, l-Antifona setgħet ġieli ndaqqet ukoll għall-akkumpanjament ta’ orgni waħdu. Fl-istampa ta’ hawn fuq tidher il-partitura għall-orgni tat-*Tamtum Ergo* nru 2 in Do Maġġuri. Dil-mużika miktuba bil-linka nstabet tiġri weħidha f’manuskritt qadim, flimkien ma’ verżjoni ridotta ta’ xi marċ maħżuż bil-lapis.



Partitura tat-Tantum Ergo nru. 2 in Do Maġġuri ta' Mro. Pullicino

It-tieni u l-aħħar parti ta’ dal-artiklu ser tkun qed tidher fil-ħarġa tal-*Annwal tal-Knisja l-Antika ta’ San Ġiljan Ospidalier* tas-sena d-dieħla. Fiha ser nagħti tagħrif qasir u ġeneriku tal-varji taqsimiet tagħha li minnha hija msensla dil-antifona attribwita lil Mro. Angelo Pullicino. Xi eżempji mużikali meħudin mill-istess xogħol ma jonqsux ukoll.

TMIEM L-EWWEL PARTI

[11] Diminuttiv ta’ noti, jew noti mpenġijin b’irjushom żgħar.